



Brussell, 15 ta' Novembru 2018
(OR. en)

14277/18

Fajl Interistituzzjonali:
2017/0237(COD)

TRANS 543
CODEC 2000
CONSOM 317

RAPPORT

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru. dok. preċ.:	ST 13760/18 TRANS 493 CODEC 1856 CONSOM 301 + ADD 1
Nru dok. Cion:	ST 12442/17 TRANS 370 CODEC 1477 CONSOM 307 + ADD 1
Suġġett:	Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar id-drittijiet u l-obbligi tal-passiġġieri tal-ferroviji (riformulazzjoni) – Rapport ta' progress

1. INTRODUZZJONI

Il-Kummissjoni ressqet il-proposta msemmija hawn fuq lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fis-27 ta' Settembru 2017. Il-proposta hi ppreżentata bl-użu tat-teknika ta' riformulazzjoni.

Ir-raġunijiet ewlenin biex il-Kummissjoni tippreżenta r-reviżjoni kienu biex jiġu indirizzati l-problemi perċepiti relatati b'mod partikolari ma' sitwazzjonijiet ta' *force majeure*, l-użu ta' eżenzjonijiet, id-drittijiet ta' persuni b'diżabbiltà u mobbiltà mnaqqsa, u d-disponibbiltà tal-hekk imsejħa *biljetti globali* u l-informazzjoni dwarhom.

2. ĦIDMA F'ISTITUZZJONIJIET OĦRA

Il-Parlament Ewropew ħatar lill-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (TRAN) bħala l-kumitat responsabbli minn din il-proposta u lis-Sur Bogusław LIBERADSKI (SD, PL) bħala r-rapporteur. Il-Kumitat għall-Affarijiet Legali (JURI) adotta opinjoni dwar it-teknika ta' riformulazzjoni, bid-data tat-28 ta' Frar 2018, u l-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur (IMCO) adotta l-opinjoni tiegħu dwar is-sustanza tal-proposta, bid-data tal-5 ta' Ġunju 2018.

TRAN ivvota dwar ir-rapport fid-9 ta' Ottubru 2018. Fil-15 ta' Novembru 2018, il-Parlament ivvota fis-sessjoni plenarja tiegħu dwar ir-rapport u adottah bħala l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari.

Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta l-opinjoni tiegħu dwar il-proposta fil-531 sessjoni plenarja, fit-18 ta' Jannar 2018. Il-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni ddeċieda li ma jagħtix opinjoni.

Il-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv tas-Servizzi Legali tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni ħareġ opinjoni dwar l-użu tat-teknika ta' riformulazzjoni fid-19 ta' Frar 2018.

3. ĦIDMA FIL-KUNSILL U FIL-KORPI PREPARATORJI TIEGĦU

Il-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport fuq l-Art beda bil-ħidma tiegħu fuq il-proposta fid-29 ta' Settembru 2017 bi preżentazzjoni ġenerali dwar il-proposta. Fil-5 ta' Ottubru 2017 ġiet analizzata l-valutazzjoni tal-impatt. Il-proposta ġiet ippreżentata wkoll lill-Grupp ta' Ħidma dwar il-Protezzjoni u l-Informazzjoni tal-Konsumatur għall-informazzjoni.

Il-Kunsill (TTE, Trasport) ġie infurmat, taħt *Affarijiet Oħra*, dwar l-istat attwali intermedju tal-ewwel analiżi fil-5 ta' Diċembru 2017 (dok. 14637/17).

L-ewwel analiżi kienet finalizzata matul ir-rebbiegħa 2018 u fis-7 ta' Ġunju 2018 ġie ppreżentat rapport ta' progress (dok. 8721/18) fil-Kunsill TTE (Trasport).

4. ĦIDMA LEJN TEST TA' KOMPROMESS

Il-Presidenza ppreżentat l-ewwel proposta ta' kompromess għal analiżi fil-25 ta' Ottubru 2018, fejn kienu koperti l-Kapitoli I, II u III. Test proviżorju tal-ħidma li għaddejja huwa ppreżentat fl-addendum għal dan ir-rapport (dok. 13760/18 ADD 1).

L-objettiv prinċipali tal-Presidenza kien li tavvanza bid-diskussjonijiet dwar dawn it-tliet kapitoli u tikkonkludi kemm jista' jkun f'dak li għandu x'jaqsam ma' dawn l-artikoli. Id-delegazzjonijiet b'mod ġenerali laqgħu l-isforzi magħmula mill-Presidenza fir-rigward ta' dawn l-ewwel tliet kapitoli. Peress li sar progress fir-rigward ta' dawn it-tliet kapitoli għet provduta gwida għal diskussjonijiet futuri.

Għadd ta' delegazzjonijiet daħħlu riżervi ta' skrutinju dwar partijiet mit-test ta' kompromess tal-Presidenza filwaqt li oħrajn żammew ir-riżervi tagħhom dwar il-proposta inizjali.

It-tħassib dwar il-kwistjonijiet pendenti ewlenin u rimarki oħra mqajma mill-Istati Membri matul id-diskussjoni huma reġistrati hawn taħt, kapitolu wara kapitolu. L-għan huwa li tkun provduta gwida u li tkun faċilitata ħidma ulterjuri dwar l-iżvilupp tal-fehma finali tal-Kunsill dwar dan ir-regolament.

4.1. Kapitolu I

(a) Is-suġġett (Artikolu 1)

Ċerti Stati Membri talbu li l-kamp ta' applikazzjoni jindika b'mod ċar li r-regolament jipprevedi livell minimu ta' protezzjoni, biex tkun teżisti l-possibbiltà ta' protezzjoni aktar stretta tad-drittijiet tal-passiġġieri. Xi Stati Membri fakkru li jeħtieġ li t-terminoloġija relatata mal-persuni b'diżabbiltà jew b'mobbiltà mnaqqsa tiġi allinjata mar-riżultati dwar l-Att dwar l-Aċċessibbiltà, li n-negozjati dwaru bejn il-Kunsill u l-Parlament Ewropew kienu għaddejjin fil-mument tad-diskussjonijiet (ara wkoll l-Artikolu 2).

(b) Il-kamp ta' applikazzjoni (Artikolu 2)

Għadd ta' Stati Membri laqgħu t-test ta' kompromess tal-Presidenza bħala pass fid-direzzjoni t-tajba peress li jiċċara li s-servizzi transfruntiera ġewwa l-Unjoni jistgħu jiġu eżentati mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament. Madankollu, fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni fil-paragrafu 1, il-fehmiet fost l-Istati Membri għadhom differenti; kien hemm oppożizzjoni minn xi Stati Membri għall-proposta minn Stat Membru li jkun eskluż it-trasport domestiku kollu.

Ċerti Stati Membri kellhom dubji dwar l-implimentazzjoni tar-rekwiżiti preskritti b'mod partikolari bħala "... *żgurati kif xieraq* ..." u "... *parti konsiderevoli* ..." kif ukoll dwar l-applikazzjoni tal-Kapitolu V għas-servizzi tal-passiġġieri ferrovjarji kollha li ma jistgħux jiġu eżentati mill-kamp ta' applikazzjoni. Għadd ta' Stati Membri opponew it-tħassir tal-paragrafu 4 l-antik, peress li f'ċerti każijiet l-eżenzjoni hija diġà mogħtija, abbażi tal-preżunzjoni li tista' tiġġedded. Barra minn hekk, xi Stati Membri talbu li ma jkunx hemm kontroreferenzi għall-Att dwar l-Aċċessibbiltà, peress li l-eżitu ta' dik il-ħidma għadu mhux magħruf (ara wkoll l-Artikolu 1).

Stat Membru wieħed talab li s-servizzi mħaddma biss għal interessi storiċi jew turistiċi jistgħu jiġu eżentati mill-applikazzjoni tar-regolament.

(c) Id-definizzjonijiet (Artikolu 3)

Għalkemm it-test ta' kompromess tal-Presidenza ppermetta li jsir xi progress fir-rigward tad-diskussjonijiet relatati mad-definizzjonijiet, huwa ċar li dan l-artikolu jeħtieġ jiġi rieżaminat ladarba jkun hemm konsensus dwar il-bqija tal-proposta.

Ir-rimarki tal-Istati Membri jistgħu jinġabru fil-qasir kif ġej:

- Id-definizzjoni ta' "bejjieġ tal-biljetti" jista' jkollha bżonn reviżjoni editorjali u aktar sostantiva fid-dawl tal-bejgħ ġdid tal-biljetti online.
- Jeħtieġ li d-definizzjonijiet ta' "biljett globali", "amministratur tal-infrastruttura", "impriża ferrovjarja", "trasportatur", "trasportatur sostitut", "persuna b'diżabbiltà u persuna b'mobbiltà mnaqqa" jiġu allinjati mal-leġislazzjoni rispettiva fil-qasam, b'mod partikolari d-direttiva dwar il-governanza ferrovjarja, ir-regoli tal-COTIF dwar id-drittijiet tal-passiġġieri u l-Att dwar l-Aċċessibbiltà.

- Jeħtieġ li d-definizzjoni ta' "stazzjon" kif ukoll l-użu tat-terminu fit-test kollu tiġi rieżaminata skont għadd ta' Stati Membri. Kien propost li jiġi emendat it-test f'dan ir-rigward.

4.2. Kapitolu II

(a) Kundizzjonijiet nondiskriminatorji tal-kuntratt ta' trasport (Artikolu 5)

Skont xi Stati Membri t-test propost kien wisq wiesa'. Kien argumentat li r-residenza tal-klijent taffettwa t-tariffa tas-sussidji għas-servizzi tat-trasport suburban eżistenti. Barra minn hekk, xi delegazzjonijiet innutaw li l-artikolu de facto jista' jipprojbixxi l-kompetizzjoni u l-offerti speċjali minn impriżi u bejjieġha.

(b) Ir-roti (Artikolu 6)

It-test ta' kompromess tal-Presidenza kien rikonoxxut b'mod pożittiv minn għadd ta' Stati Membri filwaqt li xi oħrajn qisuh insuffiċjenti. Inġenerali, teżisti varjetà wiesgħa ta' fehmiet dwar dan l-artikolu fost l-Istati Membri. Il-proposta tal-Istati Membri li l-impriżi ferrovjarji jkollhom id-dritt jirrifjutaw l-aċċess għar-roti kienet opposta minn Stati Membri oħra li argumentaw favur aċċess aktar faċli. Xi Stati Membri pproponew modifiki editorjali, fejn "*raġunijiet operazzjonali*" tinbidel għal "*raġunijiet relatati mas-sigurtà*" u jiżdiedu l-kondizzjonijiet li l-vetturi ferrovjarji rispettivi jeħtieġ jippermettu dan. Xi Stati Membri qajmu l-kwistjoni jekk ir-roti jiġux, jew jistgħux jiġu, meqjusa bħala "bagalji reġistrati" kif ukoll esprimew tħassib dwar roti kbar iżżejjed u jekk dawn għandhomx ikunu ttrattati bl-istess mod. Fl-aħħarnett, ċerti Stati Membri fakkru li l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għall-interoperabbiltà (Regolament tal-Kummissjoni (UE) 454/2011) diġà jkopru l-ġarr tar-roti fuq il-ferroviji.

(c) L-obbligu li tingħata informazzjoni dwar il-waqfien tas-servizzi (Artikolu 8)

Id-diskussjoni kienet posposta mill-Presidenza sakemm jintlaħaq ftehim dwar l-Att dwar l-Aċċessibbiltà.

(d) Informazzjoni dwar l-ivvjaġġar (Artikolu 9)

Għadd ta' Stati Membri kellhom dubji jekk għandhomx jiġu imposti obbligi fuq il-bejjiegħa tal-biljetti u jekk dawk l-obbligi għandhomx ikunu proporzjonati għad-daqs tan-negozju tal-bejjiegħ tat-tikketti. Xi Stati Membri opponew b'mod ċar obbligi ulterjuri fuq il-bejjiegħa tat-tikketti.

Ċerti Stati Membri talbu wkoll li tiġi definita b'mod aktar preċiż liema data f'ħin reali għandha tintbagħat lill-passiġġieri.

(e) Id-disponibbiltà tal-biljetti, biljetti globali u r-riżervazzjonijiet (Artikolu 10)

It-test ta' kompromess tal-Presidenza kien rikonoxxut bħala pass ġeneralment pożittiv. Ċerti Stati Membri esprimew dubji dwar jekk kienx meħtieġ u infurzabbli obbligu espliċitu li jiġu offruti biljetti globali. Madankollu, id-diskussjonijiet dwar dan l-artiklu jeħtieġ li jitkomplew minħabba l-ħin limitat disponibbli.

4.3. Kapitolu III

(a) Assigurazzjoni u kopertura fil-każ ta' mewt jew korriment personali ta' passiġġier (Artikolu 12)

Kien hemm appoġġ proviżorju għall-allinjament propost fit-test ta' kompromess tal-Presidenza, madankollu d-dettalji tekniċi ser jirrikjedu attenzjoni ulterjuri.

5. KONKLUŻJONIJIET

Il-Presidenza tissottolinja l-importanza li jkunu mħarsa d-drittijiet tal-passiġġieri u jekk dan isir b'mod intelliġenti u bilanċjat jista' jtejjeb il-perċezzjoni favorevoli tas-servizzi ferrovjarji.

Minkejja x-xogħol kbir relatat mal-*Pakketti tal-Mobbiltà I, II u III*, il-Presidenza Awstrijaka allokat ir-riżorsi biex tavvanza l-ħidma dwar il-proposta. Id-diskussjonijiet li għaddejjin fil-Kunsill, madankollu, jenfasizzaw li l-isfida li tinstab soluzzjoni teknikament korretta u bilanċjata hija konsiderevoli u li d-definizzjoni tal-aktar għażla ta' politika adatta ser tkompli tirrikjedi analiżi dettaljata u komprensiva.

Fid-dawl ta' dan t'hawn fuq, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti u l-Kunsill huma mistiedna jieħdu nota tal-progress magħmul fir-rigward tal-analiżi tar-regolament propost.